# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 12 TA' FRAR, 1996
AVVIZ NUMRU 6/96 J.R.

Tonna Victor Major

vs

Calleja Victor

It-Tribunal wara li ha konjizzjoni tal-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil- 11 ta' Jannar, 1996 fejn intalab:

L-ammont ta' Sitt Liri Maltija u hamsin centezmu (Lm6.50c) rapprezentanti cens perpetwu fuq il-fond "North Winds", Birguma Road, Naxxar, liema cens skada fit- 28 ta' April, 1995; oltre l-ispejjes tal-ittra interpellatorja u ittra ufficjali tal- 1 ta' Awissu, 1995, bl-imghax legali, kif ukoll bl-ispejjez ta' dina l-kawza.

Wara li ra li l-konvenut baqa' ma ppresentax risposta fir-rigward: u

Wara li semgha x-xhieda tal-Maggur Victor Tonna, l-attur; u

Wara li ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz:

Ikkunsidra li:

Jirrizulta mix-xhieda tal-attur soddisfacentement pruvat li l-ammont ta' Sitt Liri Maltija u hamsin centezmu (Lm6.50c) ghadu dovut ghall-cens li jithallas kull sena bil-quddiem fuq il-fond "North Winds", Birguma Road, Naxxar, u dana ghall-perijodu mit- 28 ta' April, 1995 sas- 27 ta' April, 1996 u li l-konvenut kien hallas ghall-perijodi precedenti, u li ghalkemm interpellat baqa' ma hallasx;

Ghal dawn il-motivi jiddeciedi illi:

Jilqa' t-talba attrici fis-somma ta' Sitt Liri Maltija u hamsin centezmu (Lm6.50c) dovuti ghall-perijodu tac-cens fuq referit;

u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma imsemmija ta' Sitt Liri Maltija u hamsin centezmu (Lm6.50c) kif ukoll l-ispejjez tal-ittra interpellatorja mibghuta lil-konvenut u ittra ufficjali

tal- 1 ta' Awissu, 1995, bl-imghax legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Vera kopja fotostatika

Dep. Reg.

Dr Joseph Refalo LL.D.
Gudikatur.